MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2006

Numru 909/2006

Il-Pulizija
(Sp Mario Bonello)
vs
Michael Sultana, iben Gaetano,
imwieled Pieta' fit-2 ta'
awissu, 1986

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-3 ta' awissu, 2006 għal ħabta tad-9.15 p.m. ġewwa l-Ħamrun ħebb għal Glenn Azzopardi u ikkaġunalu ġrieħi ta' natura gravi skond kif iċċertifika Dr. K. Muchani M.D. ta' l-Isptar San Luqa;
2. talli fl-istess żmien, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied jew b'xi mod ieħor;

3. talli fl-istess żmien, ħin, lok u ċirkostanżi ħebb kontra Glenn Azzopardi sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmel ħsara lil din il-persuna;
4. talli fl-istess żmien, ħin, lok u ċirkostanżi kellu fil-pussess tiegħu strument li jaqta u bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti ġiet mitluba li minbarra li tapplika l-piena skond il-liġi, biex tipprovdi għas-sigurta' ta' l-imsemmi Glenn Azzopardi torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħu nniffsu taħt penali li tidrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' novembru, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 216, 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 13(1) tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta. Rat il-fedina penali netta u l-ammissjoni fl-ewwel seduta ta' din il-kawża. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Rat l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u torbot lill-imputat li ma jkellimx jew jimmolesta l-familja Azzopardi għal żmien sena taħt penali ta' mitt lira maltin (Lm100).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------